**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 24-07/2016 (B' urġenza)

Data: 28 ta' Lulju 2016

Hin: 12.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Amanda Vella | - Ambaxxatriċi Lokali taż-żagħżagħ |
| Assenti: | Nil | |
| Pubbliku | 2 + numru ta' ġurnalisti / media | |

## AĠENDA

1. Operat fil-Freeport

## Minuti - 24-07/2016

Is-Sindku informa li il-Viċi Sindku Joe Cutajar talab li jkun skużat minħabba li għadu kif ħareġ mill-isptar u jinsab rikoverat id-dar.

## 1. Operat fil-Freeport

1.1. Is-Sindku KB qal li sejjaħ din il-laqgħa b'reazzjoni għal avveniment u diskorsi li saru riċentement li jirrigwardjaw il-Freeport, u qal li l-materja hija urġenti

1.2. Is-Sindku għalhekk ressaq mozzjoni li taqra hekk:

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa dejjem tħabat biex jassigura kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti tal-lokalita' tagħna.

Dan il-Kunsill Lokali dejjem fehem li l-Freeport huwa industrija importanti għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna fil-kuntest ta' kumpens soċjali u ambjentali biex jinħoloq bilanċ mal-komunità ta' Birżebbuġa.

Fid-dawl tal-iżviluppi riċenti bid-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru li ma jaqbilx ma' iktar żvilupp f'art tal-Freeport. Fid-dawl ukoll li l-Kap tal-Oppożizzjoni iddikjara ruħu favur iktar żvilupp ta' art tal-Freeport, dan il-Kunsill Lokali qed jirrisolvi li:

JIRRINGRAZZJA f'isem ir-residenti kollha ta' Birżebbuġa lil Prim Ministru u lill-Gvern tal-impenn li ma jippermettix żvilupp ikbar li jimpatta l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

JIFHEM ir-realtajiet tar-residenti u l-familji ta' Birżebbuġa li diġà huma vittmi ta' inkonvenjent, tniġġis u ħsejjes ta' kuljum mill-Freeport u ċertament ma jifilħux li dan ikompli jiżdied.

JAPPELLA lill-għaqdiet non-governattivi sabiex jingħaqdu mar-residenti ta' Birżebbuġa biex jappoġġjaw il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali favur l-ambjent ta' Birżebbuġa.

JIKKUNDANNA l-proposta tal-Kap tal-Oppożizzjoni li jrid li jikber id-daqs tal-Freeport b'impatt iktar negattiv fuq ir-residenti kollha ta' Birżebbuġa, inkluż fuq art ODZ li tant hija nieqsa fin-naħat ta' Birżebbuġa.

1.2.1. Il-Kunsillier Joe Baldacchino issekonda il-mozzjoni.

1.3. Il-Kunsillier HS qal li l-mozzjoni hija żbaljata fattwalment, minħabba li Dr Simon Busuttil f'ebda istant ma semma użu ta art ODZ. Huwa irrimarka li l-Freeport jista' jikber mingħajr ma jikber il-footprint, jew alternattivi oħra. Bħal eżempju li tittieħed l-art li bħalissa qed tintuża mill-MEDSERV. Huwa semma kif żvilupp sar dis-sena ukoll meta ġew imwaħħlin krejnijiet oħra.

1.4. Is-Sindku KB qal li l-Prim Ministru qal pubblikament li hu ma jaqbilx li l-Freeport jikber u jieħu iktar art, u ir-reazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni kien li xxokja ruħu b'dan id-diskors, u għaldaqstant b'eliminazzjoni, din tfisser li huwa jaqbel li l-Freeport jikber fuq iktar art.

1.5. Il-Kunsillier JB qal li huwa jinsab sorpriż kif il-Kunsillier huwa iktar infurmat mill-Kap tal-Oppożizzjoni , għaliex il-Kunsillier HS qed jiċċara id-diskors tal-Kap ta l-oppożizzjoni, li lanqas il-Kap tal-Oppożizzjoni stess ma iċċara.

1.5.1. Il-Kunsillier HS qal li il-Kunsill kollu kien dejjem unanimu favur ir-resident, iżda hu ma jistax jaqbel mal-mozzjoni għax hija mozzjoni partiġġjana.

1.5.2. Il-Kunsillier SZ qal li il-ġimgħa ta qabel, il-Kunsill bagħat stqarrija stampa, u għaldaqstant il-pożizzjoni tal-Kunsill kienet diġà pubblika. Huwa qal li ma jaqbilx li jinbidlu il-metodoloġiji, ġaladarba il-Kunsill dejjem kien unanimu fuq din il-kwistjoni. Huwa qal li l-Kunsill xorta jista' jiddiskuti l-espansjoni jekk hux fuq art ta naħa jew oħra jew fil-baħar, madankollu dejjem jibqa l-unanimità li favur ir-resident.

1.5.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-industrija dejjem timmira biex tikber u tespandi. Huwa qal li l-Kunsill ħoloq mekkaniżmu, l-Environmental Monitoring Committee, u li jista' jkompli jibni fuqu ladarba miexi fid-direzzjoni t-tajba. Permezz ta dan il-mekkaniżmu kien problemi li ġew solvuti, u oħrajn li baqaw jitkaxkru. Nel frattemp huwa issuġġerixxa li l-enerġija għandu tkun iffukata biex nammiljoraw dan il-mekkaniżmu. Huwa fakkar li fil-passat dan il-mekkaniżmu waqaf il-proċess tat-tiswija tar-riggijiet taż-żejt mill-Freeport. Huwa żied jgħid li dejjem ikun hemm pressjonijiet politiċi, madankollu hija l-Awtorità tal-Ippjanar li tiddeċiedi u mhux il-Prim Ministru jew il-Kap tal-Oppożizzjoni

1.5.4. Is-Sindku qal li l-influwenzi politiċi dejjem ikun hemm, speċjalment bħal ma naħfru it-tlett kwarti ta miljun Ewro mill-Amministrazzjoni preċedenti, minn wara dahar il-Kunsill, u din hija l-biża tar-residenti.

1.5.5. Il-Kunsillier HS irrimarka li n-nies jinkwetaw mit-tanker tal-gass li ser ikun sorġut viċin ta' Birżebbuġa.

1.5.6. Il-Kunsillier SZ qal li jekk il-Kunsill m'għandux fiduċja fl-Awtorità tal-Ippjanar, allura il-Kunsill għandu jattakka dan l-aspett.

1.5.7. Il-Kunsillier HS ressaq kontro-mozzjoni li taqra:

Peress li fil jiem li għaddew saru dikjarazzjonijiet mill-Prim Ministru dwar l-operat tal-Port Ħieles f'Birżebbuġa;

Peress li l-operat tal-freeport iħalli impatt fuq ir-residenti ta Birżebbuġa;

Għaldaqstant, dan il-Kunsill jirrisolvi: Illi l-Freeport għandu jopera skont il-permessi kurrenti li għandu u f'każ ta' modifikazzjoni, isiru l-applikazzjonijiet normali mal-Awtorita' tal-Ippjanar;

Illi l-Freeport għandu jibni rabta akbar mal-Komunità ta' Birżebbuġa permezz ta aktar inizjattivi ta' Corporate Social Responsibilta' li minnhom jistaw igawdu direttament ir-residenti tal-lokalita

Illi l-Gvern għandu jagħti rendikont tal-impatt li t-tanker tal-Gass se jkun qed iħalli fuq il-Komunità ta' Birzebbuga

1.6. Is-Sindku KB qal li b'din il-mozzjoni, il-Kunsillier HS qed jikkonferma li jekk l-Awtorità tal-Ippjanar tapprova xi permess ta' tkabbir tal-Freeport, il-Kunsillier HS ikun jaqbel ma dan it-tkabbir.

1.7. Il-Kunsilliera LG irrimarkat li hi temmen li l-Kunsill għandu jistudja x'għamel ħaddieħor f'sitwazzjonijiet simili, u għandu jimplimenta l-istudji tagħhom f'Birżebbuġa

1.8. Il-Kunsillier JB irrimarka li l-Freeport jaħdmu għall-interessi tagħhom minn wara dahar il-Kunsill.

1.9. Il-Kunsillier SZ enfasizza li l-enerġija tal-Kunsill għandu tkun fuq il-punt imsemmi mill-Kunsilliera LG. Huwa qal li veru li l-Prim Ministru jagħti direzzjoni, madankollu iħoss li l-Kunsill xogħolu huwa li jitgħallem mill-esperjenzi ta ħaddieħor u li juża dawn l-esperjenzi flimkien mal-mekkaniżmi u l-Awtoritajiet eżistenti sabiex il-Kunsill jiżviluppa u jieħu dak hu dritt tiegħu. Huwa żied jgħid li kull moviment li jagħmel il-Freeport taffettwa lir-residenti, u mhux il-fatt li jikber biss.

1.10. Il-Kunsillier HS qal li ħadd ma jrid li l-Freeport jikber fid-daqs.

1.11. Il-Kunsillier JB qali li għalhekk huwa xogħol il-Kunsill li jikkritika, anke jekk jikkritikaw lill-istess Kunsill ħabba dan.

1.12. Is-Sindku KB qal li l-Kunsill għandu kull dritt u obbligu li jieħu ħsieb l-interessi tal-komunita' , u dan għaliex l-interess tar-resident huwa wieħed kbir, bħal ma kien kbir l-ammont ta €750,000 li inħafru lill-istess Freeport.

1.13. Il-Kunsillier HS qal li l-istess Kabinett li ħafer il-flus, iggarantixxa Waterpolo Pitch, u piċċ tal-futbol.

1.14. Il-Kunsillier JB irrimarka li dawn iż-żewġ faċilitajiet kienu diġà eżistenti qabel ma beda il-proġett tal-Freeport. U fil-każ tal-grawnd tal-futbol, kien proprju fl-istess zona, u kellu jitwaqqa ħabba l-iżvilupp, u għaldaqstant huwa sempliċiment replacement.

1.15. Il-Kunsillier HS irrimarka li l-mozzjoni tas-Sindku mhijiex tajba, minħabba il-kontenut rigward l-art ODZ, u għaldaqstant talab li tinsab mozzjoni komuni, madankollu is-sindku ma ippropona l-ebda emenda fil-mozzjoni tiegħu.

1.16. Il-Kunsillier HS ressaq emenda fuq il-mozzjoni tiegħu, u ġiet taqra hekk:

Peress li fil jiem li għaddew saru dikjarazzjonijiet mill-Prim Ministru dwar l-operat tal-Port Ħieles f'Birżebbuġa;

Peress li l-operat tal-Freeport iħalli impatt fuq ir-residenti ta Birżebbuġa;

Għaldaqstant, dan il-Kunsill jirrisolvi:

Illi l-Freeport għandu jopera skont il-permessi kurrenti li għandu u f'każ ta' modifikazzjoni, isiru l-applikazzjonijiet normali mal-Awtorita' tal-Ippjanar;

Illi l-Freeport għandu jibni rabta akbar mal-Komunita ta' Birżebuġa permezz ta aktar inizjattivi ta' Corporate Social Responsibilta' li minnhom jistaw igawdu direttament ir-residenti tal-lokalita

Illi l-Gvern għandu jagħti rendikont tal-impatt li t-tanker tal-Gass se jkun qed iħalli fuq il-Komunita ta' Birzebbuga.

Illi l-Kunsill ikompli jitgħallem mill-esperjenzi ta Portijiet oħra

Illi tintalab kjarifika mill-partiti politiċi dwar il-pożizzjoni tagħhom fejn jidħol it-tkabbir fiżiku tal-Port Ħieles.

1.17. Il-Kunsillier SZ issekonda il-mozzjoni emendata, ittieħed vot bir-rizultat ikun:
Favur – 2 (HS, SZ)
Kontra – 4 (KB, JB, LG, JB)

1.18. Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni tiegħu, bir-rizultat ikun:

Favur – 4 (KB, JB, LG, JB)
Kontra – 2 (HS, SZ)

**Il-laqgħa intemmet fis-1.15 p.m**

**[Iffirmat]** **[Iffirmat]**

*Kevin Barun*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data 23 / 8 / 16